REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/533

tat-28 ta' Marzu 2019

dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2020, l-2021 u l-2022 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 ([2]) ġie stabbilit l-ewwel programm Komunitarju multiannwali kkoordinat u ta' kontroll li jkopri s-snin 2009, 2010 u 2011. Il-programm tkompla permezz ta' Regolamenti konsekuttivi tal-Kummissjoni. L-aktar wieħed riċenti kien ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/555 ([3]).

(2) Hemm bejn tletin u erbgħin prodott tal-ikel li jikkostitwixxu l-komponenti ewlenin tad-dieta fl-Unjoni. Peress li l-użi tal-pestiċidi juru bidliet sinifikanti tul perjodu ta' tliet snin, il-pestiċidi f'dawk il-prodotti tal-ikel jenħtieġ li jiġu ssorveljati tul sensiela ta' ċikli ta' tliet snin biex l-esponiment tal-konsumatur u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu vvalutati.

(3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), bagħtet rapport xjentifiku dwar valutazzjoni tad-disinn tal-programm ta' monitoraġġ tal-pestiċidi. Ikkonkludiet li rata ta' skorriment tal-MRL li tkun ogħla minn 1 % tista' tiġi stmata b'marġini ta' żball ta' 0,75 % billi jintgħażlu 683 unità ta' kampjun għal minimu ta' 32 prodott differenti tal-ikel ([4]). Il-ġbir ta' dawn il-kampjuni jenħtieġ li jitqassam fost l-Istati Membri skont il-kobor tal-popolazzjoni, b'minimu ta' 12-il kampjun għal kull prodott u għal kull sena.

(4) Tqiesu r-riżultati analitiċi mill-programmi uffiċjali ta' kontroll preċedenti tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-firxa ta' pestiċidi koperti mill-programm ta' kontroll tkun rappreżentattiva tal-pestiċidi użati.

(5) Gwida dwar il-proċeduri ta' kontroll analitiku tal-kwalità u ta' validazzjoni tal-analiżi tar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel u fl-għalf (Analytical quality control and validation procedures for pesticide residues analysis in food and feed) tinsab ippubblikata fis-sit web tal-Kummissjoni ([5]).

(6) Fejn id-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi oħra, metaboliti u/jew prodotti li jirriżultaw minn diżintegrazzjoni jew minn reazzjoni, dawk il-komposti jenħtieġ li jiġu rrappurtati separatament sakemm jitkejlu b'mod individwali ([6]).

(7) L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel laħqu qbil dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni, bħad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni (SSD), għas-sottomissjoni tar-riżultati tal-analiżi tar-residwi tal-pestiċidi, relatati mat-tressiq tal-informazzjoni mill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/555 tad-9 ta' April 2018 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2019, l-2020 u l-2021 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 92, 10.4.2018, p. 6).

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; il-programm ta' monitoraġġ tal-pestiċidi: il-valutazzjoni tad-disinn. *EFSA Journal* 2015;13(2):4005.

([5]) Id-Dokument Nru. SANTE/11813/2017. l-aktar verżjoni riċenti tiegħu: https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/plant/docs/pesticides_mrl_guidelines_wrkdoc_2017-11813.pdf

([6]) SANCO/12574/2014, Dokument ta' Ħidma dwar is-sommarju tal-LOQ f'każ ta' definizzjonijiet kumplessi tar-residwi.

(8) Għall-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni jenħtieġ li tapplika d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE ([7]), li tinkorpora l-metodi u l-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni rakkomandati mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius.

(9) Jeħtieġ li jiġi evalwat jekk il-livelli massimi ta' residwi għall-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar, stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ([8]) u fl-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE ([9]) humiex qed jiġu rrispettati, billi jitqiesu biss id-definizzjonijiet tar-residwi kif inhuma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(10) Fir-rigward tal-metodi ta' residwu uniku, l-Istati Membri jistgħu jkunu kapaċi jilħqu l-obbligi ta' analiżi tagħhom billi jirrikorru għal-laboratorji uffiċjali li diġà jkollhom il-metodi vvalidati meħtieġa.

(11) Jenħtieġ li l-Istati Membri jressqu l-informazzjoni li tikkonċerna s-sena kalendarja preċedenti sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena.

(12) Sabiex tkun evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba t-trikkib bejn il-programmi multiannwali konsekuttivi, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/555 jitħassar fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt. Madankollu, jenħtieġ li dan ikompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2019.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Matul is-snin 2020, 2021 u 2022, l-Istati Membri għandhom jieħdu u janalizzaw kampjuni għall-kombinazzjonijiet ta' prodotti/pestiċidi, kif stipulat fl-Anness I.

L-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott, fosthom prodotti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, u prodotti li joriġinaw mill-biedja organika, għandu jkun dak stipulat fl-Anness II.

Artikolu 2

1. Il-lott li minnu jittieħdu l-kampjuni għandu jintgħażel b'mod aleatorju.

Il-proċedura tat-teħid ta' kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2002/63/KE.

2. Il-kampjuni kollha, inklużi dawk tal-prodotti tal-ikel maħsubin għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar għandhom jiġu analizzati għall-pestiċidi stabbiliti fl-Anness I, skont id-definizzjonijiet tar-residwi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

3. Għall-prodotti tal-ikel maħsubin għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar, il-kampjuni għandhom jiġu evalwati fuq il-prodotti kif jiġu proposti lesti għall-konsum, jew wara li jiġu rikostitwiti skont l-istruzzjonijiet tal-manifatturi, filwaqt li jitqiesu l-MRLs stipulati fid-Direttivi 2006/125/KE u 2006/141/KE. F'każijiet meta dawn il-prodotti tal-ikel ikunu ta' tip li jistgħu jiġu kkunsmati kemm kif jinbiegħu kif ukoll f'forma rikostitwita, ir-riżultati għandhom jiġu rrappurtati fir-rigward tal-prodott mhux rikostitwit kif jinbiegħ.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni ttestjati fl-2020, fl-2021 u fl-2022 sal-31 ta' Awwissu tal-2021, tal-2022 u tal-2023 rispettivament. Dawk ir-riżultati għandhom jiġu sottomessi fil-format ta' rapportar elettroniku kif stabbilit mill-EFSA.

Meta d-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi iżjed minn kompost wieħed (sustanza attiva, metabolit u/jew prodotti li jirriżultaw minn diżintegrazzjoni jew minn reazzjoni), l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw ir-riżultati tal-analiżi skont id-definizzjoni sħiħa tar-residwu. Barra minn hekk, ir-riżultati ta' kull wieħed mill-analiti li jiffurmaw parti mid-definizzjoni tar-residwu għandhom jintbagħtu separatament, sakemm dawn jitkejlu fuq bażi individwali.

([7]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali u li tħassar id-Direttiva 79/700/KEE (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30).

([8]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat- 22 ta' Diċembru 2006 dwar formuli tat-trabi u formuli tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1).

([9]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16).

Artikolu 4

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/555 jitħassar.

Madankollu, fir-rigward ta' kampjuni ttestjati fl-2019, għandu jibqa' japplika sal-1 ta' Settembru 2020.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Il-Parti A: **Prodotti li joriġinaw mill-pjanti** [1] **li għandu jittieħed kampjun minnhom fl-2020, fl-2021 u fl-2022.**

2020	2021	2022
(a)	(b)	(c)
Laringˊ [2]	Għeneb tal-mejda [2]	Tuffieħ [2]
Langˊas [2]	Banana [2]	Frawli [2]
Frott tal-kiwi [2]	Grejpfrut [2]	Ħawħ, inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili [2]
Pastard [2]	Brunˊġiel [2]	Inbid (aħmar jew abjad) magħmul mill-għeneb. (Fil-każ li l-ebda fattur tal-ipproċessar speċifiku għall-inbid ma jkun disponibbli, l-Istati Membri huma mitluba jirrappurtaw il-fatturi tal-ipproċessar tal-inbid użati fir-"Rapport Sommarju Nazzjonali")
Basal [2]	Brokkoli [2]	Ħass [2]
Karrotti [2]	Bettieħ [2]	Kaboċċi kkapoċċati [2]
Patata [2]	Faqqiegħ ikkultivat [2]	Tadam [2]
Fażola (imnixxfa) [2]	Bżar ħelu [2]	Spinaċi [2]
Żerriegħa tas-segala [3]	Żerriegħa tal-qamħ [3]	Żerriegħa tal-ħafur [3] [4]
Ir-ross ismar (ir-ross imfesdaq), li huwa ddefinit bħala ross wara li titneħħielu l-fosdqa [5]	Żejta taż-żejt taż-żebbuġa verˊġni (Fil-każ li l-ebda fattur tal-ipproċessar speċifiku għaż-żejt ma jkun disponibbli, l-Istati Membri huma mitluba jirrappurtaw il-fatturi tal-ipproċessar taż-żejt użati fir-"Rapport Sommarju Nazzjonali")	Żerriegħa tax-xgħir [3] [6]

Il-Parti B**: Prodotti li joriġinaw mill-annimali** [1] **li għandu jittieħed kampjun minnhom fl-2020, fl-2021 u fl-2022.**

2020	2021	2022
(f)	(d)	(e)
Xaħam tal-pollam [2] [7]	Xaħam tal-bovini [2] [7]	Ħalib tal-baqar [8]
Fwied tal-bovini [2]	Bajd tat-tiġieġ [2] [9]	Xaħam tal-majjal [2] [7]

[1] Għall-komoditajiet naturali li jridu jiġu analizzati, il-partijiet tal-prodotti li għalihom japplikaw l-MRLs għandhom jiġu analizzati għall-prodott ewlieni tal-grupp jew tas-sottogrupp kif elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

[2] Għandhom jiġu analizzati prodotti mhux ipproċessati. Fil-każ ta' prodotti ffriżati, għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar, jekk applikabbli.

[3] Fil-każ li għadd suffiċjenti ta' kampjuni taż-żerriegħa tas-segala, tal-qamħ, tal-ħafur jew tax-xgħir ma jkunx disponibbli, jista' jiġi analizzat ukoll id-dqiq integrali tas-segala, tal-qamħ, tal-ħafur u tax-xgħir u għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar.

[4] Fil-każ li għadd suffiċjenti ta' kampjuni taż-żerriegħa tal-ħafur ma jkunx disponibbli, il-parti tal-għadd ta' kampjuni meħtieġa għaż-żerriegħa tal-ħafur li ma setgħetx tittieħed, tista' tiżdied mal-għadd ta' kampjuni għaż-żerriegħa tax-xgħir, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tal-ħafur ikun inqas u l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tax-xgħir jiżdied b'mod proporzjonali.

[5] Meta xieraq, tista' tiġi analizzata wkoll iż-żerriegħa tar-ross illostrat. Għandu jiġi rrappurtat lill-EFSA jekk ġiex analizzat ross illostrat jew ross imfesdaq. Jekk ikun ġie analizzat ross illostrat, għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar.

[6] Fil-każ li għadd suffiċjenti ta' kampjuni taż-żerriegħa tax-xgħir ma jkunx disponibbli, il-parti tal-għadd ta' kampjuni meħtieġa għaż-żerriegħa tax-xgħir li ma setgħetx tittieħed, tista' tiżdied mal-għadd ta' kampjuni għaż-żerriegħa tal-ħafur, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tax-xgħir ikun inqas u l-għadd tal-kampjuni għaż-żerriegħa tal-ħafur jiżdied b'mod proporzjonali.

[7] Jistgħu jittieħdu kampjuni mil-laħam skont it-Tabella 3 tal-Anness għad-Direttiva 2002/63/KE.

[8] Il-ħalib frisk (mhux ipproċessat) għandu jiġi analizzat, inkluż il-ħalib iffriżat, ippasturizzat, imsaħħan, sterilizzat jew iffiltrat.

[9] Il-bajd shih mingħajr il-qoxra għandu jiġi analizzat.

Il-Parti C: **Kombinazzjonijiet ta' pestiċidi/prodotti li għandhom jiġu ssorveljati fi/fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti**

	2020	2021	2022	Kummenti
2,4-D	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-larinġ, il-pastard, ir-ross ismar u l-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2020; fil-grejpfrut, l-għeneb tal-mejda, il-brunġiel, il-brokkoli u fuqhom fl-2021; fil-ħass, l-ispinaċi u t-tadam u fuqhom fl-2022.
2-Fenilfenol	(a)	(b)	(c)	
Abamektina	(a)	(b)	(c)	
Aċefat	(a)	(b)	(c)	
Aċetamiprid	(a)	(b)	(c)	
Akrinatrina	(a)	(b)	(c)	
Aldikarb	(a)	(b)	(c)	
Aldrin u dieldrin	(a)	(b)	(c)	
Ametoktradin	(a)	(b)	(c)	
Ażinfos-metil	(a)	(b)	(c)	
Ażossistrobina	(a)	(b)	(c)	
Bifentrin	(a)	(b)	(c)	
Bifenil	(a)	(b)	(c)	
Bitertanol	(a)	(b)	(c)	
Boskalid	(a)	(b)	(c)	
Jon tal-bromur	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u fuqu fl-2020; fil-bżar ħelu u fuqu fl-2021; fil-ħass u t-tadam u fuqhom fl-2022.
Bromopropilat	(a)	(b)	(c)	
Bupirimat	(a)	(b)	(c)	
Buprofeżin	(a)	(b)	(c)	
Kaptan	(a)	(b)	(c)	
Karbaril	(a)	(b)	(c)	
Karbendażim u benomil	(a)	(b)	(c)	
Karbofuran	(a)	(b)	(c)	
Klorantraniliprol	(a)	(b)	(c)	
Klorfenapir	(a)	(b)	(c)	
Klormekwat	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-karrotti, il-lanġas, is-segala u r-ross ismar u fuqhom fl-2020; fil-brunġiel, l-għeneb tal-mejda, il-faqqiegħ ikkultivat, il-qamħ u fuqhom fl-2021; fit-tadam u l-ħafur u fuqhom fl-2022.

	2020	2021	2022	Kummenti
Klorotalonil	(a)	(b)	(c)	
Klorprofam	(a)	(b)	(c)	
Klorpirifos	(a)	(b)	(c)	
Klorpirifos-metil	(a)	(b)	(c)	
Klofenteżina	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali.
Klotijanidin	(a)	(b)	(c)	
Ċjażofammid	(a)	(b)	(c)	
Ċiflufenammid	(a)	(b)	(c)	
Ċiflutrin	(a)	(b)	(c)	
Ċimoksanil	(a)	(b)	(c)	
Ċipermetrina	(a)	(b)	(c)	
Ċiprokonażol	(a)	(b)	(c)	
Ċiprodinil	(a)	(b)	(c)	
Ċiromażina	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-patata, il-basal u l-karrotti u fuqhom fl-2020; fil-brunġiel, il-bżar ħelu, il-bettieħ u l-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2021; fil-ħass u t-tadam u fuqhom fl-2022.
Deltametrina	(a)	(b)	(c)	
Diażinon	(a)	(b)	(c)	
Diklorvos	(a)	(b)	(c)	
Dikloran	(a)	(b)	(c)	
Dikofol	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali.
Dietofenkarb	(a)	(b)	(c)	
Difenokonażol	(a)	(b)	(c)	
Diflubenżuron	(a)	(b)	(c)	
Dimetoat	(a)	(b)	(c)	
Dimetomorf	(a)	(b)	(c)	
Dinikonażol	(a)	(b)	(c)	
Difenilammina	(a)	(b)	(c)	
Ditijanon	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas u r-ross ismar u fuqhom fl-2020; fl-għeneb tal-mejda u fuqu fl-2021; fit-tuffieħ u l-ħawħ u fuqhom fl-2022.

	2020	2021	2022	Kummenti
Ditijokarbamati	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom, għajr il-brokkoli, il-pastard, il-kaboċċi kkapoċċati, iż-żejt taż-żebbuġa, l-inbid u l-basal.
Dodina	(a)	(b)	(c)	
Emamektina benżoat B1a, espressa bħala emamektina	(a)	(b)	(c)	
Endosulfan	(a)	(b)	(c)	
Epoksikonażol	(a)	(b)	(c)	
Etefon	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-laringè u l-langas u fuqhom fl-2020; fil-bżar ħelu, il-qamħ u l-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2021; fit-tuffieħ, il-ħawħ, it-tadam u l-inbid u fuqhom fl-2022.
Etijon	(a)	(b)	(c)	
Etirimol	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali.
Etofenproks	(a)	(b)	(c)	
Etossażol	(a)	(b)	(c)	
Famoksadon	(a)	(b)	(c)	
Fenamidon	(a)	(b)	(c)	
Fenamifos	(a)	(b)	(c)	
Fenarimol	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali.
Fenażakin	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali.
Fenbukonażol	(a)	(b)	(c)	
Ossidu tal-fenbutatin	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-laringè u l-langas u fuqhom fl-2020; fil-brungiel, il-grejpfrut, il-bżar ħelu u l-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2021; fit-tuffieħ, il-frawli, il-ħawħ, it-tadam u l-inbid u fuqhom fl-2022.
Feneksammid	(a)	(b)	(c)	
Fenitrotijon	(a)	(b)	(c)	
Fenoksikarb	(a)	(b)	(c)	
Fenpropatrina	(a)	(b)	(c)	
Fenpropidina	(a)	(b)	(c)	
Fenpropimorf	(a)	(b)	(c)	
Fenpirażamina	(a)	(b)	(c)	
Fenpirossimat	(a)	(b)	(c)	
Fentijon	(a)	(b)	(c)	

	2020	2021	2022	Kummenti
Fenvalerat	(a)	(b)	(c)	
Fipronil	(a)	(b)	(c)	
Flonikamid	(a)	(b)	(c)	
Fluważifop-P	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-pastard, il-fażola mnixxfa, il-patata u l-karrotti u fuqhom fl-2020; fil-brunġiel, il-brokkoli, il-bżar ħelu u l-qamħ u fuqhom fl-2021; fil-frawli, il-kaboċċi kkapoċċati, il-ħass, l-ispinaċi u t-tadam u fuqhom fl-2022.
Flubendiammid	(a)	(b)	(c)	
Fludioksonil	(a)	(b)	(c)	
Flufenoksuron	(a)	(b)	(c)	
Fluwopikolid	(a)	(b)	(c)	
Fluwopiram	(a)	(b)	(c)	
Flukwinkonażol	(a)	(b)	(c)	
Flusilażol	(a)	(b)	(c)	
Flutrijafol	(a)	(b)	(c)	
Fluksapiroksad	(a)	(b)	(c)	
Folpet	(a)	(b)	(c)	
Formetanat	(a)	(b)	(c)	
Fostijażat	(a)	(b)	(c)	
Glifosat	(a)	(b)	(c)	
Aloksifop inkluż l-aloksifop-P	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-fażola mnixxfa u fuqha fl-2020; fil-brokkoli, il-grejpfrut, il-bżar ħelu u l-qamħ u fuqhom fl-2021; fil-frawli, il-kaboċċi kkapoċċati u fuqhom fl-2022.
Eżakonażol	(a)	(b)	(c)	
Eksitijażoks	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali.
Imażalil	(a)	(b)	(c)	
Imidakloprid	(a)	(b)	(c)	
Indoksakarb	(a)	(b)	(c)	
Iprodion	(a)	(b)	(c)	
Iprovalikarb	(a)	(b)	(c)	
Iżokarbofos	(a)	(b)	(c)	
Iżoprotijolan	(a)			Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u fuqu fl-2020. Is-sustanza ma għandhiex tiġi analizzata fi jew fuq kwalunkwe prodott jew fuqu fl-2021 u fl-2022.

	2020	2021	2022	Kummenti
Krežoksim-metil	(a)	(b)	(c)	
Lambda-ċjalotrina	(a)	(b)	(c)	
Cyazofamid	(a)	(b)	(c)	
Lufenuron	(a)	(b)	(c)	
Malatijon	(a)	(b)	(c)	
Mandipropammid	(a)	(b)	(c)	
Mepanipirim	(a)	(b)	(c)	
Mepikwat	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, is-segala u r-ross ismar u fuqhom fl-2020; fil-faqqiegħ ikkultivat u ż-żerriegħa tal-qamħ u fuqhom fl-2021; fix-xgħir, il-ħafur u fuqhom fl-2022.
Metalaksil u metalaksil-M	(a)	(b)	(c)	
Metamidofos	(a)	(b)	(c)	
Metidatijon	(a)	(b)	(c)	
Metijokarb	(a)	(b)	(c)	
Metomil	(a)	(b)	(c)	
Metossifenożid	(a)	(b)	(c)	
Metrafenon	(a)	(b)	(c)	
Monokrotofos	(a)	(b)	(c)	
Miklobutanil	(a)	(b)	(c)	
Ometoat	(a)	(b)	(c)	
Oksadiksil	(a)	(b)	(c)	
Ossamil	(a)	(b)	(c)	
Oksidemeton-metil	(a)	(b)	(c)	
Paklobutrażol	(a)	(b)	(c)	
Paratijon-metil	(a)	(b)	(c)	
Penkonażol	(a)	(b)	(c)	
Penċikuron	(a)	(b)	(c)	
Pendimetalina	(a)	(b)	(c)	
Permetrina	(a)	(b)	(c)	
Fosmet	(a)	(b)	(c)	
Pirimikarb	(a)	(b)	(c)	

	2020	2021	2022	Kummenti
Pirimifos-metil	(a)	(b)	(c)	
Proċimidon	(a)	(b)	(c)	
Profenofos	(a)	(b)	(c)	
Propamokarb	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-karrotti, il-pastard, il-basal u il-patata u fuqhom fl-2020; fl-għeneb tal-mejda, il-bettieħ, il-brunġiel, il-brokkoli, il-bżar ħelu u l-qamħ u fuqhom fl-2021; fil-frawli, il-kaboċċi kkapoċċati, l-ispinaċi, il-ħass, it-tadam, fix-xgħir u fuqhom fl-2022.
Propargit	(a)	(b)	(c)	
Propikonażol	(a)	(b)	(c)	
Propiżammid	(a)	(b)	(c)	
Prokinażid	(a)	(b)	(c)	
Prosulfokarb	(a)	(b)	(c)	
Protijokonażol	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-karrotti, il-lanġas, is-segala u r-ross ismar u fuqhom fl-2020; fil-bżar ħelu u l-qamħ u fuqhom fl-2021; fil-kaboċċi kkapoċċati, il-ħass, it-tadam, il-ħafur, ix-xgħir u fuqhom fl-2022.
Pimetrożina		(b)	(c)	Is-sustanza ma għandhiex tiġi analizzata fi jew fuq kwalunkwe prodott fl-2020; għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, il-bettieħ, il-bżar ħelu u fuqhom fl-2021; fil-kaboċċi kkapoċċati, il-ħass, il-frawli, l-ispinaċi, it-tadam u fuqhom fl-2022.
Piraklostrobin	(a)	(b)	(c)	
Piridaben	(a)	(b)	(c)	
Pirimetanil	(a)	(b)	(c)	
Piriproksifen	(a)	(b)	(c)	
Kinoksifen	(a)	(b)	(c)	
Spinosad	(a)	(b)	(c)	
Spirodiklofen	(a)	(b)	(c)	
Spiromesifen	(a)	(b)	(c)	
Spiroksamina	(a)	(b)	(c)	
Spirotetramat	(a)	(b)	(c)	
Taw-Fluvalinat	(a)	(b)	(c)	
Tebukonażol	(a)	(b)	(c)	
Tebufenożid	(a)	(b)	(c)	
Tebufenpirad	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuqhom għajr iċ-ċereali.
Teflubenżuron	(a)	(b)	(c)	

	2020	2021	2022	Kummenti
Teflutrina	(a)	(b)	(c)	
Terbutilażina	(a)	(b)	(c)	
Tetrakonażol	(a)	(b)	(c)	
Tetradifon	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-komoditajiet kollha elenkati u fuq-hom għajr iċ-ċereali.
Tijabendażol	(a)	(b)	(c)	
Tijakloprid	(a)	(b)	(c)	
Tijametoksam	(a)	(b)	(c)	
Tijofanat-metil	(a)	(b)	(c)	
Tolklofos-metil	(a)	(b)	(c)	
Trijadimefon	(a)	(b)	(c)	
Trijadimenol	(a)	(b)	(c)	
Tijodikarb	(a)	(b)	(c)	
Triażofos	(a)	(b)	(c)	
Triċiklażol	(a)	(b)	(c)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fir-ross u fuqu.
Trifloksistrobin	(a)	(b)	(c)	
Triflumuron	(a)	(b)	(c)	
Vinklożolin	(a)	(b)	(c)	

Il-Parti D: **Kombinazzjonijiet ta' pestiċidi/prodotti li għandhom jiġu ssorveljati fi/fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali**

	2020	2021	2022	Kummenti
Aldrin u dieldrin	(f)	(d)	(e)	
Bifentrin	(f)	(d)	(e)	
Klordan	(f)	(d)	(e)	
Klorpirifos	(f)	(d)	(e)	
Klorpirifos-metil	(f)	(d)	(e)	
Ċipermetrina	(f)	(d)	(e)	
DDT	(f)	(d)	(e)	
Deltametrina	(f)	(d)	(e)	
Diażinon	(f)	(d)	(e)	
Endosulfan	(f)	(d)	(e)	
Famoksadon	(f)	(d)	(e)	
Fenvalerat	(f)	(d)	(e)	

	2020	2021	2022	Kummenti
Fipronil	(f)	(d)	(e)	
Glifosat	(f)	(d)	(e)	
Ettakloru	(f)	(d)	(e)	
Eżaklorobenżen	(f)	(d)	(e)	
Eżaklorċikloeżan (HCH, Alfa-Isomeru)	(f)	(d)	(e)	
Eżaklorċikloeżan (HCH, Beta-Isomeru)	(f)	(d)	(e)	
Indoksakarb			(e)	Din is-sustanza għandha tiġi analizzata biss fil-ħalib u fuqu fl-2022.
Lindan	(f)	(d)	(e)	
Metoksiklor	(f)	(d)	(e)	
Paratijon	(f)	(d)	(e)	
Permetrina	(f)	(d)	(e)	
Pirimifos-metil	(f)	(d)	(e)	

ANNESS II

L-għadd ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 1

(1) L-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu għal kull komodità u li għandhom jiġu analizzati għall-pestiċidi elenkati fl-Anness I minn kull Stat Membru huwa stabbilit fit-tabella fil-punt (5).

(2) Barra mill-kampjuni meħtieġa skont it-tabella fil-punt (5), fl-2020 kull Stat Membru għandu jieħu ħames kampjuni ta' formuli tat-trabi u ħames kampjuni ta' formuli ta' prosegwiment għat-trabi u janalizzahom.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont l-istess tabella, fl-2021 kull Stat Membru għandu jieħu għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi pproċessat b'bażi ta' ċereali u janalizzahom.

Barra mill-kampjuni meħtieġa skont dik it-tabella, fl-2022 kull Stat Membru għandu jieħu għaxar kampjuni ta' ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar għajr formuli tat-trabi, formuli ta' prosegwiment u ikel tat-trabi pproċessat b'bażi ta' ċereali u janalizzahom.

(3) Skont it-tabella fil-punt (5), il-kampjuni mill-komoditajiet li joriġinaw mill-biedja organika, meta disponibbli, għandhom jittieħdu b'mod li hu proporzjonat mas-sehem tas-suq ta' dawk il-komoditajiet f'kull Stat Membru, b'minimu ta' 1.

(4) L-Istati Membri li jużaw metodi ta' analiżi ta' residwi multipli jistgħu jużaw metodi ta' skrinjar kwalitattivi fuq massimu ta' 15 % tal-kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati skont it-tabella fil-punt numru (5). Meta Stat Membru juża metodi ta' skrinjar kwalitattivi, għandu janalizza l-bqija tal-kampjuni permezz ta' metodi kwantitattivi ta' residwi multipli.

Jekk ir-riżultati tal-iskrinjar kwalitattiv ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jużaw metodu ta' mmirar li jintuża s-soltu biex jikkwantifikaw is-sejbiet.

(5) L-għadd minimu ta' kampjuni għal kull Stat Membru għal kull komodità:

Stat Membru	Kampjuni	Stat Membru	Kampjuni
BE	12	LU	12
BG	12	HU	12
CZ	12	MT	12
DK	12	NL	18
DE	97	AT	12
EE	12	PL	47
EL	12	PT	12
ES	50	RO	20
FR	71	SI	12
IE	12	SK	12
IT	69	FI	12
CY	12	SE	12

Stat Membru	Kampjuni
LV	12
LT	12

Stat Membru	Kampjuni
UK	71
HR	12

L-GĦADD TOTALI TA' KAMPJUNI: 683